



Brussell, 10 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8660/19

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0399(COD)

CODEC 973
INST 118
JUR 203
JUSTCIV 109
PE 212

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-15 sat-18 ta' April 2019)

I. INTRODUEZZJONI*

Ir-rapporteur, József SZÁJER (PPE, HU), ippreżenta rapport dwar il-proposta għal Regolament fisem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali. Ir-rapport kien fih 8 emendi (l-emendi numru 1 sa 8 għall-proposta).

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fis-17 ta' April 2019, il-plenarja adottat l-emendi numru 1 sa 8 (8 emendi adottati) għall-proposta għal Regolament.

* L-iffurmattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni legiſlattiva tiegħu kif stipulata fl-Anness għal dan id-dokument¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni legiſlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

L-adattament ta' għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-TFUE *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2019 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (COM(2016)0798 – C8-0525/2016 – 2016/0399(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0798),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0525/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0012/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) It-Trattat ta' Lisbona introduċa distinzjoni bejn is-setgħat delegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv (atti delegati), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti ta' implimentazzjoni).

Emenda

(1) It-Trattat ta' Lisbona ***mmodifika b'mod sostanzjali l-qafas ġuridiku li jirregola s-setgħat ikkonferiti lill-Kummissjoni mil-leġiżlatur, u*** introduċa distinzjoni bejn is-setgħat delegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv (atti delegati), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti ta' implimentazzjoni).

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Il-ġbir f'daqqa u l-preżentazzjoni ta' għotjiet ta' setgħa li mhumix marbuta mill-qrib ma' xulxin f'att delegat wieħed tal-Kummissjoni jxekklu l-eżerċitar tad-dritt ta' skrutinju tal-Parlament, peress li dan ikollu sempliciement jaċċetta jew jirrifiuta l-att delegat kollu, u dan ma jħallix lok lill-Parlament li jesprimi opinjoni dwar kull għotja ta' setgħa b'mod individwali.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 2 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 19b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li jiġu **adottat** atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 19a għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu **indeterminat mid-data** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. Is-setgħa li jiġu **adottati** atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 19a għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu **ta' ħames snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza ta' kull perjodu.**

Emenda 4

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 2 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1206/2001

Artikolu 19b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill

Emenda

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill

fi żmien **xahrejn** wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiżdied b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

fi żmien **tliet xhur** wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiżdied b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2

Regolament (KE) Nru 805/2004

Artikolu 31a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li jiġu **adottat** atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 31 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu **indeterminat mid-data** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. Is-setgħa li jiġu **adottati** atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 31 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu **ta' ħames snin minn ...** [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza ta' kull perjodu.**

Emenda 6

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 2 – punt 2

Artikolu 31a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 31 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien **xahrejn** wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiżdied b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 31 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien **tlit xhur** wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiżdied b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 2 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1393/2007

Artikolu 17a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li jiġi **adottat** atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu **indeterminat mid-data** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. Is-setgħa li jiġi **adottati** atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu **ta' ħames snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali**

*estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur
qabel l-iskadenza ta' kull perjodu.*

Emenda 8

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 2 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1393/2007

Artikolu 17a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien **xahrejn** wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiżdied b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien **tliet xhur** wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiżdied b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.